**MINUTI**

**Laqgha tal-Kunsill Lokali l-Gharb**

**Laqgha Nru. 02**

**Data:** **11 ta' Lulju, 2019**

**Hin:** **10.07am**

**Post:** Ufficcju Amministrattiv, Kunsill Lokali l-Gharb

---

**Il-laqgha bdiet b'dawn il-membri prezenti:-**

| | |
|---|---|
| *David Apap Agius* | *Sindku* |
| *Louis Apap* | *Vici Sindku* |
| *Tonio Mifsud* | *Kunsillier* |
| *Miriam Borg* | *Kunsillier* |
| *Emily Amatulli-Depasquale* | *Segretarju Ezekuttiv* |

---

**AGENDA**

02.1 Qari tal-ittri ta' apologiji;

02.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

02.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

02.4 Twegibiet ghall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

02.5 Korrispondenza u Rapporti;

02.6 Jum l-Gharb 2019;

02.7 Progetti UE;

**IFFIRMATA**
David Apap Agius
Sindku

**IFFIRMATA**
Emily Amatulli-Depasquale
Segretarju Ezekuttiv

02.8 Offerti u Kwotazzjonijiet;

02.9 Business Plan;

02.10 Tmiem tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss.

---

**02.1 Qari ta' l-ittri ta' apologija**

02.1.1 Giet ipprezentata u moqrija ittra ta' apologija minghand Joseph Mizzi. Il-Kunsil qabel unanimament li s-Sur Mizzi ghandu jigi skuzat.

**02.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

02.2.1 Il-minuti gew approvati bhala dokument korrett.

02.2.2 Tonio Mifsud talab sabiex l-apologija li bghat hu tigi annessa mall-Minuti u fl-istess waqt huwa zied jghid li ma setax japprova l-Minuti min-naha tieghu peress li ma kienx prezenti ghal-laqgha.

**02.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

02.3.1 Is-Sindku spjega li huwa kien ser jaghti spjegazzjoni tal-progetti u xogholijiet ohra li ghandu fil-prezent il-Kunsill sabiex il-membri l-godda jkollhom dettalji dwar dak li qed isir fil-lokalita' sabiex ikunu jistghu ikomplu il-preparamenti u ikunu ordanti dawk ix-xogholijiet mehtiega.

02.3.2 Bhala progetti Ewropej il-Kunsill ghandu zewg progetti fejn il-Kunsill huwa partner. Wiehed mill-progetti huwa mar-Rumanija fejn s'issa diga sar skambju. F'dan il-progett iz-zjara li jmiss ser tkun fil-Grecja u ghalija ser ikunu mistiedna erba' persuni. Fil-laqgha li jmiss iridu jkunu stabiliti l-ismijiet.

02.3.3 Progett iehor huwa l-MAPPAE liema progetti huwa relatat mall-*herbs*. Is-Sindku spjega li z-zjara li jmiss ta' dan il-progett ser issir fl-Italja u d-dati ghad iridu jinghataw.

02.3.4 Gie spjegat ukoll li aktar kmieni din is-sena l-Kunsill issottometta progett iehor din id-darba ta' Network of Twinned Towns u ghad qed jistenna r-rizultati tieghu.

02.3.5 Progett iehor li ghandu ghaddej fil-prezent huwa tal-Mizura 4.4 li jinkludi fih bini ta' hitan tas-sejjieh. Gie spjegat li l-offerta' kienet inharget pero' hadd ma kien applika. Ghaldaqstant gie spjegat li ser tinhareg offerta' ohra.

02.3.6 Progetti ohra jinkludi x-xogholijiet fit-toroq. Xoghol ippjanat huwa fuq Triq il-Madonna tal-Virtut, Triq San Pietru u Triq Tumas Cassar.

Dwar Triq San Pietru din lesta biex jinghata l-ahhar fazi peress li dawn huma fondi tal-PPP. Dwar Triq Tumas Cassar is-sidien tal-plots fl-istess triq huma avzati sabiex jaghmlu s-servizz tad-drenagg. Xi uhud qed jistennew li jsir ix-xoghol tat-triq sabiex isiru mill-istess kuntrattur tal-Kunsill. Dwar Triq Madonna tal-Virtut s-Sindku qal li aktar dettalji ser jinghataw aktar tard waqt din l-laqgha.

02.3.7 Is-Sindku kompla jispjega fejn semma x-xogholijiet li ghad iridu jsiru f'zewg sqaqien fi Triq Frangisk Portelli. Sqaq minnhom jinstab quddiem l-ispizerija u l-iehor fuq l-istess naha ta' l-ispizerija. Gie spjegat li minhabba li bhalissa qeghdin fl-istagun tas-sajf mhux possibli li jinbdew ix-xogholijiet peress li hemm farmhouses li jinkrew. Is-Sindku spjega li x-xogholijiet li jridu jsiru ma jiehdux hafna zmien biex jitlestew u dawn iridu jsiru minn fondi tal-Kunsill pero' ser nesploraw il-possibilita' li nakkwistaw ghajnuna minn fondi mill-Ministeru ghal Ghawdex.

02.3.8 Progett iehor li huwa ghaddej huwa fil-blokka ta' fejn sar ic-Centru tal-Kreattivita'. Gie spjegat li bhala parti mill-kuntratt tax-xogholijiet dan kien jinkludi titjib fil-kmamar ta' l-*art room* u *board room* li fost ohrajn hemm xoghol ta' dawl, tqeghid ta' madum u ghamara. Dan kien inkluz fil-kuntratt li sar ghar-raguni li l-iskola m'ghandiex il-facilita' li taghmel dawn ix-xogholijiet. Is-Sindku spjega li ghad iridu jkun stallati *air-conditions* f'dan ic-centru kif ukoll fil-*gym* li kien progett ukoll tal-Kunsill lill-iskola. Dwar *air-conditions* tal-ufficju u *child care* centre, dawn ukoll iridu jinbidlu.

02.3.9 Is-Sindku informa lill-membri li l-Kunsill Lokali l-Gharb ser ikun qed jospita' l-ufficini tal-LESA u t-Tribunal gewwa l-Kunsill Lokali u dan kif approvat fil-legislatura li ghada kif intemmet. Bhala ufficju ser jintuza l-ufficju li mhux uzat gewwa l-berga' u t-Tribunal ser ikun gewwa s-sala. Il-Kunsill ser ikun qed jircievi flus ghall-kiri ta' dawn iz-zewg postijiet minn fejn ser ikun qed jinghataw is-servizzi. Dan ser ikun qed jipprovdi ukoll servizz ta' gwardjani lokali stazzjonati gewwa l-Gharb.

02.3.10 Is-Sindku spjega li bejn l-20 u 22 ta' Settembru, l-Kunsill ser ikun qed itella' festival tal-*herbs*. Aktar dettalji dwar dan il-festival ser jinghataw aktar 'il quddiem. Ghal dan il-festival ser jigu mistiedna barranin li huma parti mill-progett. Il-Kunsill ser jghin fejn jista' filwaqt li ser jitlob lill-partecipanti jghinu fl-ispejjez taghhom peress li il-flus ghal din l-attivita' huma limitati. Bhala parti mill-festival ser ikun hawn nies apposta li huma intizi fil-hxejjex sabiex jaghti demostrazzjoni u spjegazzjoni taghhom. Tonio Mifsud ssugerixxa li nistghu nesponu affarijiet ta' Frenc ta' l-Gharb.

Is-Sindku spjega li l-Kunsill kienu inxtaraw kotba dwar il-hxejjex anke minhabba li

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| David Apap Agius | Emily Amatulli-Depasquale |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |

din il-materja kienet giet diskussa waqt il-progett f'Cipru. Tkompliet id-diskussjoni fejn il-Kunsill qabel li dan l-attivita' tkun miftuha ghal Ghawdex kollu anke peress li din ser issir bil-ghajnuna mill-Ministeru ghal Ghawdex fejn ser jinghataw finanzjament apposta u l-bqija tal-fondi mill-fond tal-komunita' u ospitalita' tal-Kunsill. Tonio Mifsud staqsa dwar x'ser jinkludi fih il-program sabiex hu jkun jista' jghin billi javvicina lil xi persuni li jistghu jkollhom dettalji f'dan il-qasam. Is-Sindku spjega li m'hemmx programm pero' l-iktar importanti huwa li dawn ikunu naturali u bil-hxejjex. Tonio Mifsud issugerixxa li jigu mistiedna in-nies li jistghu jkunu interessati f'dan il-qasam. Gie diskuss li l-ewwel ghandu jitlesta' l-program.

Il-Kunsill qabel u approva unanimament il-progetti u ix-xogholijiet flimkien ma' l-ispejjez involuti sabiex jitkomplew bil-preparamenti u jsiru t-thejjijiet mehtiega u necessarji.

02.3.11 Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li kien ser iqassam ir-responsabilitajiet lil kull Kunsillier. Tonio Mifsud staqsa jekk dawn jistghux jigu diskussi meta jkun prezenti Joseph Mizzi. Is-Sindku spjega li dawn jaqghu taht id-dmir u responsabilita' tieghu sabiex jigu assenjati. Is-Sindku spjega li l-Kunsill ma jistax iwaqqaf ix-xoghol ghaliex Kunsilier ikun nieqes waqt xi laqgha ghaliex dan iwaqqaf ir-ritmu tax-xoghol. Ir-responsabilitajiet ser ikunu kif segwenti:

David Apap - Sindku

Ko-ordinazzjoni ta' Rizorsi Umani
Finanzi tal-Kunsill
Xogholijiet / Progetti Kapitali u Embellishments
Relazzjonijiet Unjoni Ewropeja / Progetti
Turizmu / Kultura / Wirt Storiku
Sahha
Volontarjat u NGO's
Pubblikazzjonijiet / PRO / Konsultazzjoni Pubblika
L-Innovazzjoni
Il-Harsien ta' l-Annimali
Devoluzzjonijiet

Louis Apap - Vici-Sindku

Ambjent / Rurali / Titjib Zvilupp Agrikulturali
Membru sostitut Kumitat Ismijiet tat-Toroq
Il-Qasam Socjali u Persuni b'Dizabilita'
L-Ambjent
Sports u Attivitajiet Fizici
Assistent tas-Sindku
Sostitut Regjun Regjonali

Tonio Mifsud

Transport u Immanigjar tat-Traffiku
Wirt Storiku (Jassisti lis-Sindku)
Strategija Tibdil tal-klima
Turizmu (Jassisti lis-Sindku)
Soft Areas fiz-zoni rurali, zoni residenzjali u toroq arterji

Joseph Mizzi

Tindif u Immanigjar ta' Skart
Preparazzjoni / Proposti / Pjan ta' Bye-Laws
Il-Harsien tal-Annimali (Jassisti lis-Sindku)
L-Innovazzjoni (Jassisti lis-Sindku)

Miriam Borg

Familja / Zghazagh / Kura tat-tfal / Anzjani u Hargiet Kulturali
Edukazzjoni
Integrazzjoni ta' barranin fil-komunita' / Emigranti
Sodisfar tal-Program Elettorali
L-Integrazzjoni Socjali
Komunitajiet

02.3.12 Giet diskussa l-facebook page tal-Kunsill . Il-Kunsill qabel li din ghandha tkun taht l-amministrazzjoni tas-Segretaru Ezekuttiv fejn ser jitpoggew posts relatati ma' avvizi tal-Kunsill u attivitajiet tal-Kunsill. Din mhix ser tkun miftuha ghall-pubbliku biex jitfghu l-posts taghhom.

02.3.13 Gie spjegat li fil-budget hemm mahsub sabiex ikun impjegat skrivan. Is-Sindku spjega li ser tkun qed tohrog sejha ghal dan il-post wara li jkunu kkuntatjati l-Jobplus. Sa dan it-tant hemm il-possibilita' li tinhareg l-iskema tal-CIES fejn is-Sindku talab l-approvazzjoni sabiex il-Kunsill ikun jista' juri l-interess f'din l-iskema. Il-Kunsill qabel unanimament.

02.3.14 Tqajjmet diskussjoni dwar Triq il-Madonna tal-Virtut. Is-Sindku spjega dwar il-problema li qed tinholoq f'din it-triq fil-perijodu meta taghmel ix-xita fejn intrefghu t-tappieri minhabba l-kwantita' ta' ilma li jkun gej. Gie innotat ukoll li meta jkun 'dry season' mhux qed ikun hemm problema imma din qed tinholoq biss meta jkun hemm ix-xita. Miriam Borg staqsiet jekk il-problema hijiex gejja mir-residenzi. Gie spjegat li jidher li xi hadd qed jitfa' ammont kbir ta' ilma gol-pipijiet tad-drenagg li huwa llegali. Is-Sindku spjega li giet involuta Transport Malta sabiex jitmexxa x-xoghol peress li hemm problema li trid tissolva mill-korporazzjoni tal-ilma. Dwar din il-problema isejhet laqgha fuq post ghas-16 ta' Lulju ma' l-entitajiet kollha involuti. Minn hemm wiehed irid jara x'ser jirrizulta biex naraw kif ser immexxu. Tkompliet id-diskussjoni fejn kien innutat li r-responsabilita' hija tal-Korporazzjoni tal-ilma peress li l-infrastruttura tad-drenagg hija responsabilita' taghhom. Inghad li kull darba li tinholoq il-problema tigi tiswa madwar €15,000. Is-Sindku qal li f'isem il-Kunsill ser jitlob li issir

survey bil-cameras apposta biex ikun immoniterjat l-problema. Is-Sindku spjega li meta inholqot il-problema huwa avvicina lil Ministeru ghal Ghawdex u infurmah bil-problema.

02.3.15 Gie imsemmi l-Wied ta' Jodros fejn Miriam Borg staqsiet jekk dan jistax jitnaddaf. Tonio Mifsud staqsa jekk kienx hemm fondi ghal dan ix-xoghol. Is-Sindku spjega li fuq dan il-wied kien hemm *enforcement notice* u l-Kunsill ma jistax japplika biex isir dan it-tindif ghar-raguni li sabiex isir xoghol ta' manutenzjoni irid jitnaddaf it-terrapien li kien intefa' fih. Gie deciz li fil-prezent isir tindif ta' haxix hazin u taht il-beleveder biss. Ser tintalab l-ghajnuna lil Ministeru ghal Ghawdex.

02.3.16 Is-Sindku spjega li fil-lokalita' hemm ukoll servizz ta' Bulky Refuse u ta' Open Skip fejn gie spjegat kif qed jinghataw dawn is-servizzi. Tonio Mifsud issugerixxa li tehel Camera fejn il-Wied ta' Jodros sabiex jigi kontrollat min jarmi fil-wied. Fuq l-istess nota Tonio Mifsud qal li fejn Dahlet Maxwell xi persuna irmiet xi weraq u materjal iehor simili. Is-Sindku ssugerixxa li ghandha tigi nfurmata l-MEPA dwar dan sabiex huma jiehdu azzjoni min-naha taghhom. Il-Kunsill qabel ma' dan is-suggeriment u ghalhekk Tonio Mifsud gie mitlub iggib evidenza permess tar-ritratti u indikazzjoni tal-post fejn qieghed ezattament. Fuq dan il-punt il-Vici Sindku ssugerixxa ukoll li titqassam leaflet sabiex jigu edukati r-residenti dwar dan ir-rimi ta' skart u simili. Gie deciz li din tista' ssir permezz tal-newsletter 'Il-Pjazza'.

02.3.17 Is-Sindku qal li fir-rigward ta' Jum l-Gharb Joseph Mizzi kien talab sabiex jibghat xi suggerimenti dwar is-serata. Is-Sindku qal li normalment waqt din is-serata jinghataw il-premijiet fejn isiru n-nominazzjonijiet min-naha tal-ghaqdiet ser tkun miftuha ghal kulhadd fuq talba ta' Tonio Mifsud

02.3.18 Il-Kunsill iddiskuta u qabel li Miriam Borg ghandha tinghata l-permess sabiex f' assenza tas-Sindku tkun tista' tiffirma pagamenti. Il-Kunsill qabel unanimament.

02.3.19 Is-Sindku issugerixxa li l-iskeda ta' pagamenti pprezentata waqt l-laqghat tal-Kunsill ghandhom ikunu ffirmati mill-membri kollha prezenti. Il-Kunsill qabel unanimament.

02.3.20 Tonio Mifsud talab sabiex il-Kunsilliera godda jinghataw tahrig kif jopera Kunsill illum. Is-Sindku qal li huwa ppjanat li jinghata dan it-tahrig filwaqt li zied jghid ukoll li huwa ferm importanti li l-Kunsill jahdem bhala team maqghud ghall-beneficcju tal-lokalita'.

02.3.21 Posta tal-lokalita' – Saret disussjoni dwar dan is-suggett fejn gie innotat li din

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| David Apap Agius | Emily Amatulli-Depasquale |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |

mhux qed tinfetah b’mod regolarli imma qed tinfetah tlett darbiet fil-gimgha. Il-Vici Sindku ssugerixxa sabiex tintbghat talba biex tinfetah ta’ kuljum. Gie spjegat li diga saru tentattivi pero’ xorta mhux tinfetah.

02.3.22 Skemmi u progetti godda. Is-Sindku nforma lil Kunsill li minn zmien ghal zmien jinhargu skemi u progetti b’deadline qosra hafna u dan ma jaghmiliex possibli li issir laqgha dwar is-suggett. Ghal dan l-ghan is-Sindku talab sabiex l-ufficju jinghata l-approvazzjoni u l-inkarigu li jmexxi bl-applikazzjonijiet u japplika kif necessarju. Il-Kunsill qabel unanimament.

**02.4 Twegibiet ghall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

02.4.1 Gie spjegat lill-Kunsilliera li kwalunkwe mistoqsija fuq xi suggett partikolari ghandhom jaslu l-ufficju tas-Sindku sa minn gimgha qabel il-jum tal-laqgha sabiex dawn ikunu konsidrati ghat-twegiba.

**02.5 Korrispondenza u Rapporti**

02.5.1 Gew pprezentata Cirkulari dar il-korsijiet tal-life long learning u Cirkulari dwar ghajnuna ghal-librerija fejn gew diskussa mill-Kunsill. Is-Sindku spjega li bhala Kunsill seta’ jaghti l-ghajnuna tieghu ghal dawk li juzaw ic-Centru ta’ Kreattivita’ u korsijiet ohra li ser jinzammu fil-lokalita’. Gie spjegat li bhala Kunsill seta’ japplika biex jithallsu l-ghalliema. Il-Kunsill qabel li ghandu japplika biex joffri servizzi lir-residenti u biex jizdiedu aktar taghmir fil-librerija. Tonio Mifsud qal li tajjeb ukoll li jitqajjem it-taghlim tal-bizzilla u simili u fejn hu possibli jsir b’kollaborazzjoni ma’ l-iskola. Saret diskussjoni dwar dan fejn ser jigi jdentifikat il-possiblita’ li jsir dan hekk kif terga tiftah l-iskola.

**02.6 Jum l-Gharb 2019**

02.6.1 Saret diskussjoni dwar ic-cerimonja ta’ Jum l-Gharb li tigi organizzata ta’ kull sena fid-29 ta’ Awissu. Is-Sindku spjega li fid-29 ta’ Awissu, din is-sena l-Grupp Injoraturi ghandu stedina ghal Sardegna u ghalhekk huwa ssugerixxa li jsir gurnata qabel. Tonio Mifsud qal li dan jista’ jsir gurnata qabel pero’ l-attivita’ jkun tajjeb li tmiss ma nofs il-lejl. Din il-materja ser tigi diskussa fl-laqgha ohra.

02.6.2 Is-Sindku spjega li bhala attivitajiet hemm ippjanati ukoll il-Kite Festival li huwa ippjanat li isir bejn it-18 u 20 ta’ Ottubru fil-jiem tal-festa ta’ San Dimitri u l-Opra li ser issir fit-22 ta’ Novembru u l-festival Make Music Great 23-24 ta’ Novembru. Is-Sindku spjega li l-fondi ghall-Kite Festival u ghall-Opra huma fondi kulturali li inghataw lill-Kunsill fuq bazi ta’ tlett snin. Tonio stqasa dwar attivitajiet tal-Milied. Is-Sindku spejga li normalment meta jsiru attivitajiet fi zmien il-Milied dawn isiru minn fondi tal-Kunsill Lokali. Min-naha l-ohra jekk johorgu applikazzjonijiet tal-Ministeru l-Kunsill jista’ japplikaw ghalihom. Huwa zied jghid li matul is-sena l-Kunsill diga irnexxielu jikseb diversi fondi ta’ ghajnuna mill-Ministeru ghal Ghawdex.

**02.7 Progetti UE**

02.7.1 Dawn il-progetti diga gew diskussi precedentament waqt il-komunikazzjoni tas-Sindku.

**02.8 Offerti u Kwotazzjonijiet**

02.8.1 Is-Sindku spjega li l-Kunsill irid johrog offerti ghall-Perit u ghall-Avukat tal-Kunsill. Huwa qal li fil-prezent jintuzaw is-servizzi ta' l-Avukat Bigeni u tal-Perit Scerri. Tonio Mifsud qal li sewwa li l-Kunsill ikollu avukat tajjeb. Gie spjegat li precedentament il-Kunsill kien iddecieda li ma johrogx offerta' ghall-avukat u gie spjegat ir-raguni ghaliex. Saret diskussjoni fejn il-Kunsill innota ukoll li fil-kaz ta' l-avukat jiddependi x'kaz ghandek u apparti minnhekk is-servizz ta' avukat ma jintuzawx daqshekk u ghaldaqstant il-Kunsill qabel li fil-prezent ma tinharigx l-offerta' ta' l-avukat. Fir-rigward tal-Perit is-Sindku spjega li l-progetti li diga huma fdati f'idejn il-Perit prezenti jridu jibqghu f'idejh. Il-kazijiet avdati dati f'idejh l-Avukat Dr. Bigeni ghandhom ilkoll jibqghu f'idejh. Il-Vici Sindku staqsa ghaliex il-Kunsill irid johrog l-offerta.' Gie spjegat li l-Kunsill ikollu hafna progetti fosthom anke progetti Ewropej u ghaldaqstant huwa importanti li tinhareg offerta' ghalihom biex ikollna kuntratt effetiv. Il-Vici Sindku staqsa fir-rigward tal-Project Manager fejn Tonio Mifsud qal li huwa jaqbel ukoll li jkun hawn wiehed. Gie spjegat li l-project Manager ikun taht l-inkarigu tal-Perit.

Il-Kunsill qabel li ghandhom johorgu l-offerti tal-Perit tal-Kunsill u tal-Mizura 4.4 li tinkludi l-hitan tas-sejjieh.

Il-Kunsilliera giet lilhom spjegata s-sistema l-gdida ta' kif jinhargu l-offerti. Fuq dan il-punt il-Kunsill iddiskuta' min jista' jigi avvicinat sabiex ikun membru fuq il-board ta' l-offerti fejn il-Kunsill qabel li ghandu javvicina lil Pauliana Said, Dr. Damian Bigeni u s-Sur Franklyn Farrugia ghal dawn l-offerti msemmija. Gie spjegat ukoll li bhala offerti dawn jigu ppreparati mis-Sur William Sultana. Il-Kunsill qabel li ghandu jipprocedi bis-servizzi tas-Sur Sultana.

Fuq dan il-punt saret referenza ghall-GDPR fejn gie spjegat li bhala Kunsill ridt bil-ligi jkollu appuntat data protection officer. Fil-legislazzjoni precedenti kien sar qbil li l-Kunsill ghandu jidhol mar-Regjun fejn dawn kien ser johorgu offerta' ghall-Kunsilli biex jigi appuntat persuna fuq bazi regjonali. Il-process kien ghandu qed jintemm f'dawn il-granet. Gie spjegat li minhabba din il-ligi tad-data ismijiet ta' persuni, kuntratturi u ohrajn simili ma setghux jissemmew waqt il-laqgha tal-Kunsill minhabba l-istreaming. Tonio Mifsud talab jekk ikunx possibli li din il-persuna li ser tkun qeghda sservi bhala data protection officer tigi waqt laqgha tal-Kunsill u taghti spjegazzjoni ta' x'irid isir u kif ghandhom jimxu l-affarijiet. Il-Kunsill qabel li ghandu jigi kkuntatjat ir-Regjun.

**02.9 Business Plan**

02.9.1 Is-Sindku spjega li jrid jigi aggornat il-Business Plan ghas-snin li gejjin skond il-programm elettorali mhejji qabel l-elezzjoni filwaqt li jkunu evalwati proposti ohra godda.

**02.10 Aggornament**

02.10.1 Il-laqgha li jmiss ser tinzamm nhar il-Erbgha 7 ta’ Awissu fl-10am.

02.10.2 Il-laqgha spiccat 12.01pm.

Konfermati minn

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| David Apap Agius<br>Sindku | Emily Amatulli-Depasquale<br>Segretarju Ezekuttiv |